KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 50

Il-ħamsin seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet it-Tlieta 19 ta' Jannar 2015 fis-6.08pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Kris Busietta | Vici Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **SKUZATI** | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Principal |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda:*

1. *Approvazzjoni tal-Minuti*
2. *Materji konnessi mal-Minuti*
3. *Approvazzjoni tal-Pagamenti tal-Kontijiet*
4. *Rapporti mill-Kumitati u Sotto Kumitati*
5. *Performance bonus tal-impjegati*
6. *Rapport mis-Sindku dwar id-delegazzjoni ta' Bialystok*
7. *Suġġerimenti mill-Kunsilliera*
8. *Aġġornament*

1. **APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-minuti tas-seduta 49_14/12/2015.

1.2 Ma kien hemm ebda korrezzjoni. Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-minuti. Il-Viċi Sindku issekonda. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti. *Approvazzjoni tal-minuti*

1.3 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-minuti tas-seduta 49B_6/01/2016.

1.4 Ma kien hemm ebda korrezzjoni. Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-minuti. Il-Viċi Sindku issekonda. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti. *Approvazzjoni tal-minuti*

2. **MATERJI KONNESSI MAL-MINUTI**

2.1 Il-Viċi Sindku saqsa saritx il-laqgħa dwar l-ECO Wardens. Il-Kunsilliera M. Aquilina semgħet permezz ta' media l-avvizi li ħarġu għall-applikazzjonijiet ġodda ta' gwardjan lokali. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li wara li jintgħazlu ikun hemm kors ta' tmien ġimgħat. Il-Kunsill għalissa għadu bin-nuqqas ta' gwardjani lokali. Eco Wardens

2.2 Il-Kunsillier P. Radmilli qal li fil-laqgħa tar-Regjun talbu kjarifikazzjoni lill-AG u l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali jekk gwardjan bl-uniformi jistax jagħti ticket dwar kontravenzjonijiet ambjentali.

2.3 Il-Viċi Sindku saqsa dwar il-laqgħa ma tal-*catering establishments*. Is-SE issuġġerixxa li tlett kunsilliera għandhom jiltaqgħu u jibdew jiltaqgħu magħhom. Il-Kunsillier P. Radmilli fakkar li kien issuġġerixxa li l-Kunsill għandu jiltaqa' magħhom zona zona, qal ukoll li lest li jkun parti min dan il-kumitat. Il-Kunsilier P. Radmilli qal li jista jkun hemm idea ta' *enclosure* u mhux bilfors skips u li importanti tinstab soluzzjoni pratikabbli għall-istabillimenti. Is-SE fakkar li dan hu l-obbligu tagħhom li jiehdu hsieb l-iskart. Il-Viċi Sindku fakkar li l-Kunsill diġa għandu *bye law* dwar l-iskips li jrid jimxi magħha. Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li għalkemm ma taqbilx mal-iskips, taqbel li tinstab soluzzjoni. Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier J. Pillow flimkien mal-Kunsillier P. Radmilli se jkunu parti min kumitat biex jiltaqgħu mas-sidien tal-*catering establishments*. *Catering establishments*

2.4 Il-Viċi Sindku qal li dwar il-*hawkers* kellimna lill-avukat u kellu jikteb ittra lil wieħed partikolari. Is-SE informa li s-Superintendent wieġbet li bdiet l-investigazzjoni u se nirċievu risposta. Il-Kunsill għandu jistaqsi għall-kopja tal-ittra li ntbgħatet mill-avukat. Il-Viċi Sindku talab għal lista ta' *hawkers* li hawn f'Tas-Sliema. Is-SE qal li ftit impossibli għax il-*hawkers* suppost iduru minn post għal ieħor. *Hawkers*

2.5 Il-Kunsillier M. Briguglio qal li jaf resident li kien tella kaz dwar *hawker* il-Qorti, izda il-Qorti ma tagħtx kaz ix-xhieda tar-resident. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li jekk ikun hemm bzonn dawn il-kazijiet jitellgħu livell politiku. Kien hemm qbil li l-Kunsill jikteb lill-Ministru Carmelo Abela (tal-Kummerċ) u tintbgħat kopja lill-Ministru Chris Cardona minħabba n-nuqqas ta' infurzar mill-pulizija.

*Il-kunsilliera N. Castaldi Paris daħlet għas-seduta fis-6.35pm*

2.6 Il-Viċi Sindku saqsa jekk twaħħlitx il-camera fejn il-*Bring in Site* fi Qui Si Sana. Is-SE wieġeb li għada le u se jerġa jfakkar lil Ramon Deguara tas-CSD. *Bring in site*

2.7 Is-Sindku qal li saret laqgħa apposta lokalita, lokalita u tkellem dwar x'ġie diskuss fil-laqgħa tat-Toursim Zones u li ġew diskussi l-latrini pubbliċi għaliex il-proġetti li se jsiru l-ewwel permezz tal-PPP huma fiċ-Centru u Tas-Sliema hija parti miċ-ċentru u m'hemmx garanzija li l-ewwel proġetti isiru f'Tas-Sliema izda jistgħu jkunu lokalitajiet oħra fl-istess Regjun Centru. Il-Kunsillier M. Briguglio saqsa jekk il-Kunsill hux qed ikun konsultat kif se jkun il-proġett ezempju hux se jsiru bi ħlas. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li l-Kunsill jista jitlob bil-miktub x'se jkun hemm fil-kuntratt qabel ma jasslu għal konkluzzjonijiet. Is-SE qal li l-ewwel naraw x'*policies* se jkun hemm u eventwalment il-Kunsill jimxi minn hemm. Kien hemm qbil li l-Kunsill jikteb lill-Ministru Edward Zammit Louis fejn jitlob li jkun infurmat u involut fi tfassil tal-*policy gdida* fejn nirreferu wkoll għal dak li ġie diskuss fil-laqgħat mas-Sindku fit-Tourism Zones. *Tourism Zones – latrini pubbliċi*

2.8 Fir-rigward tas-slielem tal-baħar, dawn għad iridu jitwaħħlu. *Slielen tal-baħar*

2.9 Il-Kunsillier J. Pillow reġa fakkar dwar il-WI Fi ta' Bisazza għaliex baqa m'hemmx *connection.* Is-SE qal li se jinzel jara hu għax kull darba li nirraportaw jgħidulna li hemm. *WI FI*

2.10 Dwar punt 4.1 dwar il-*hoist* għall persuni b'dizabilita, il-Kunsill ġie infurmat li l-proposta tressqet quddiem il-bord tal-MTA. *Hoist - persuni b'dizabilta*

2.11 Is-SE informa li l-applikazzjoni li l-Kunsill kien ressaq għall-fondi għar-restawr tal-*bridge* ma ġietx aċċettata. Il-Kunsill ma irċieva l-ebda raġuni. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jitlob spjegazzjoni lill-Onor. Stefan Bontempo. *Applikazzjoni għar-restawr tal-bridge fi Triq il-Kulleg l-Antik*

2.12 Il-Kunsillier J. Pillow reġa fakkar li r-residenti għandhom bzonn isiru jafu permezz ta' *facebook* jew mezzi oħra kemm qiegħed jonfoq flus il-Kunsill kull xahar għal servizzi bħal bulky refuse, knis etc. Kien hemm qbil li kull xahar tittella tabella fuq *facebook* bl-ispejjez kurrenti ta' kull xahar. *Spejjez kurrenti*

2.13 Il-Viċi Sindku irrimarka dwar it-tabella li hemm fejn il-bandla għall-persuni b'dizabilita fi Gnien Indipendenza, għaliex għad qed ikun hemm l-abbuzi. Kien hemm qbil li nkabbru t-tabella filwaqt li inzidu kliem bħal li min jinqabad juza l-bandli minn l-eta stabbilita jiġi mħarrek. Il-Kunsillier P. Radmilli issuġġerixxa li jista jitwaħħal ukoll *image* ta' xi ħaġa relatata ma' persuni b'dizabilita. *Bandla – persuni b'dizabilta*

2.14 Dwar Tas-Sliema Wirt u Niesha, l-Kunsillier D. Muscat se jiltaqa mal-kumitat u jitressqu Kunsill il-punti li jkunu ġew diskussi. *Tas-Sliema Wirt u Niesha*

2.15 Dwar punt 4.6 dwar it-trasport il-Kunsill talab għal laqgħa mal-Ministeru konċernat u d-data għada ma ngħatatx. *Trasport*

2.16 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa jekk iċ-ċwievet tal-Berga ingħatawx lill-Kunsill. Iċ-ċwievet għadhom ma ingħatawx. *Berga*

2.17 Dwar is-seduta 49B il-Kunsill ġie infurmat li l-applikazzjoni dwar il monument f'gieħ Sir Chinmoy intbgħatet il-MEPA u ġiet aċċettata. *Applikazzjoni Mepa - Monument*

2.18 Il-Kunsillier P. Radmilli qal li ma jaqbilx ma dan il-monument u mad-deċizjoni li ttieħdet mill-Kunsill fil-laqgha precedenti, għaliex hemm diversi allegazzjonijiet fuq din il-persuna u, apparti dan, zgur ma ħaqqux monument *life size.* Is-Sindku qal li wara li kellu xi ilmenti anke minn residenti kif tpoġġa dan il-monument f'Tas-Sliema, qal li hu kellu d-dubbju għandux jattendi għaċ-ċerimonja tal-ftuh. Is-Sindku qal li fiċ-ċirkustanzi iħoss li l-Kunsill għandu jibqa pass lura u ma jipparteċipax għall-ftuħ. Il-Kunsillier P. Portelli qal li jħoss li l-Kunsill ma ġiex infurmat bid-dettalji kollha meta ġiet imressqa l-applikazzjoni u l-impressjoni li ingħatat kienet li dan il-

monument kien relatat mal-paċi. Il-Kunsill kellu jiddeċiedi fuq l-informazzjoni li ingħata. Is-Sindku fakkar li d-dokumenti li l-Kunsill irċieva ġew ipprezentati waqt is-seduta tal-Kunsill u approvati.

2.19 Il-Kunsillier P. Radmilli saqsa għalxiex dan għandu jkun f'Tas-Sliema u reġa sostna li hu ma jaqbilx li jitħalla f'Tas-Sliema. Il-Kunsillier Radmilli saqsa jekk għamilx xi ħaġa straordinarja li jkun ħaqqu monument. Il-Kunsillier D. Muscat irrimarka li min kien wara dan il-ħsieb zgur li għamel ir-riċerki tiegħu dwar din il-persuna.

2.20 Il-Kunsillier P. Portelli qal li biex issaħħaħ l-argument tal-Kunsillier Radmilli, qal li għamel petizjoni fuq l-internet fejn saqsa lill-pubbliku jekk jaqblux ma dan il-monument u qal li hemm iktar minn 85% Slimiz li ma jaqbilx ma dan il-monument.

2.21 Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li ħassitha li ma setgħetx twaqqaf deċizjoni meta l-ispjegazzjoni li tressqet lill-Kunsill kienet intenzjoni ta' mafkar ghal paċi. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li fil-fehma tiegħu d-deċizjoni kienet zbaljata.

2.22 Il-Kunsillier M. Briguglio qal li hu konċernat ukoll għad-dawra tal-monument għaliex hi ta' perikolu, speċjalment għat-tfal.

*Il-Viċi Sindku ġie skuzat li jitlaq mis-seduta fit-8pm*

2.23 Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jiċċekkja ma' l-awtoritajiet dwar dan il-monument u jagħti xaghar ċans u jekk jirrizulta li dan m'għandux jibqa f'Tas-Sliema, l-monument jitneħħa. Kien hemm qbil ukoll li f'din iċ-ċirkustanza l-Kunsill m'għandux jistenna sitt xhur mill-ewwel deċizjoni tal-Kunsill għaliex il-Kunsill ma jkunx ġie infurmat bid-dettalji kollha. Sadanittat il-Kunsill għandu joħroġ stqarrija għall-istampa bil-pozizzjoni tiegħu.

## 3. APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI TAL-KONTIJIET

3.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-pagamenti.

3.2 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għall-pagament numru 28 lill-ELC u irrimarka li t-tneħħija ta' *palm trees* huma parti mill-manutenzjoni. Dan il-pagament ma ġiex approvat mill-Kunsill u dan sakemm issir kjarifika dwar din il-klawsola tal-kuntratt.

3.3 Il-Kunsillier saqsa dwar il-pagament relatat mal-*projector* fejn irrefera ukoll għal projector li kien inxtara ftit qabel. Is-SE spjega d-differenza fejn il-Kunsill l-aħħar darba li xtara kien *second hand* ta' Ewro 150 biss fejn dan se jintuza għal meta jkollna laqgħat barra mill-uffiċċju, filwaqt li l-*projector* li qiegħed jidher fl-iskeda ta' llum se jkun imwaħħal fil-kamra tal-laqgħat tal-Kunsill, peress li dak li kellna inqalatlu il-hsara u ma setghax jigi msewwi.

3.4 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għall-pagament lill-iskola tal-Gvern għall-uzu tas-sala għal korsijiet LLL, u saqsa jekk dawn jiġux rifonduti mill-Gvern. Is-SE spjega li din kienet ta' darba li kienu ġew rifonduti wara li kienet saret laqgħa mal-Ministru tal-Edukazzjoni.

3.5 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa dwar numru 47 dwar kiri tal-uffiċċju mil-Lands u jekk dan jinkludix il-Berga. Is-SE wieġeb fil-pozittiv. Ġie diskuss li wara kollox il-Berga qegħda tagħti servizz lir-residenti Slilmizi.

3.6 Il-Kunsillier J. Pillow irrimarka dwar l-ixkafef tal-librerija u saqsa jekk kienx għad fadal post fejn jitpoġġew. Fuq dan il-punt il-Kunsillier M. Briguglio qal li l-librerija qegħda ssir zgħira għal Tas-Sliema anke għall fatt li qegħda tiġi aktar frekwentata. Il-Kunsillier P. Radmilli fakkar għal laqgħa li l-Kunsill kellu mal-Ministru tal-Edukazzjoni fejn ingħata informazzjoni li l-iskola tal-Gvern eventwalment mhux se tibqa tintuza bhala skola u jkun jista jagħmel uzu minna l-Kunsill. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li jkun tajjeb li l-Kunsill ifassal proposta qabel ma jkun tard u tingħata lil ħaddieħor.

3.7 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għall-pagament numru 72 u fakkar li bins ta Tigne Point kellu jsir sal-aħħar ta' Diċembru. Is-SE qal li diġa kellu risposta li nofs Tigne Point xtraw l-iskips huma. Is- SE fakkar ukoll li l-obbligu tal-Kunsill hu li jiġbor l-iskart mit-triq. Il-Kunsillier P. Radmilli qal jekk il-Kunsill għandux jitlob l-istess lil Belmont Heights biex ikunu ugwali ma Tigne. Is-SE informa li l-Kunsill ma tantx jiflaħ għall-spejjez zejda u qal li l-allokazzjoni għal din is-sena zdiedet Ewro 31,000.

3.8 Il-Kunsillier J. Pillow issuġġerixxa li nsaqqsu bħal Enemalta biex niġbru l-ispejjez għall-uzu tad-dawl ta' Bisazza u l-Gnien ta' Qui Si Sana. Is-Sindku qal li s-SE diġa kien ħejja rapport u pprezentah

lis-Segretarju Parlamentari dwar dan, izda għadu ma sar xejn.

3.9 Is-Sindku approva l-pagamenti mingħajr in-numru 28. Il-Kunsilliera V. Galea Pace issekondat. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti. *Approvazzjoni tal-pagamenti.*

**4. RAPPORTI MILL-KUMITATI U SOTTO KUMITATI**

*Il-Kunsilliera M. Aquilina u l-Kunsillier J. Pillow ġew skuzati mis-seduta fit-20.40pm*

4.1 Il-Kunsill ġie informat li ġie approvat mit-Tourism Zones Committee li mill-fondi tal-MTA se jingħataw Ewro 14,000 għal Outdoor Gym. Il-Kunsill għandu jiddeċiedi ukoll jekk jiprocedix bil-progett ta' fuq il-blat tal-Exiles. Jaf ikun hemm bzonn *full development permit* biex isir il-progett. Kien hemm qbil li l-Kunsill jghazel it-tender ta' Charlot Grech, liema kuntratt izda jigi iffirmat biss la darba ikollna il-permessi tal-MEPA f'idejna. *Outdoor Gym*

4.2 Il-Kunsill ġie infurmat li l-applikazzjoni għal *car park* miexja u taqa taħt il-policies tal-MEPA. Is-SE informa wkoll li jrid isir bħal *ventilation system, lifts, fire exits* ecc u ghaldaqstant ser ikolla tinhareg sejha ghas-servizzi ta' Inginjier. *Progett car park*

*Daħlet lura għas-seduta l-Kunsilliera M. Aquilina fit-20.45*

4.3 Is-SE informa li bdew tiswijiet fit-toroq San Pawl u l-Katidral ta' ħsara li kienet ġiet kkawzata minn kuntrattur tal-bini. Dawn se jkunu spejjez għall-kuntrattur. Se jkunu qegħdin jagħmlu ukoll il-bankina quddiem l-ex Adelaide Hotel. *Tiswijiet fit-toroq*

*Il-Kunsillier J. Pillow daħal lura għas-seduta fit-20.50pm*

4.4 Is-SE informa li qiegħed jipprova biex it-triq issir sħiħa. Il-Kunsillier P. Portelli irrimarka li fejn *Hole in the Wall* hemm bzonn li ssir ukoll. Is-SE qal li għalissa l-Kunsill għandu jimxi pass pass. *Sponsorship*

4.5 Is-Sindku informa li l-kumpanija E-Cabs lesti li joffru *sponsorship* ta' Ewro 5000 li jissarraf bħala proġett ambjentali f'Tas-Sliema. Is-Sindku informa li dan kellu kommunikazzjoni mal-Kunsillier P. Portelli. Il-kunsillier P. Portelli zied jgħid li dan jista jġib it-tieni *sponsor* ta' madwar Ewro 2500 oħra minn New York Best fejn dawn jixtiequ jpoġġu *pots* quddiemhom u jhawwlu ammont ta'

sigar f'Tas-Sliema. Il-Kunsilliera M. Briguglio, P. Portelli u J. Pillow għandhom jiltaqgħu ħa jfasslu proġett. Il-Kunsillier P. Portelli qal li għandu jsir *time frame* sabiex ninfurmaw lill-kumpaniji konċernati mill-aktar fis.

4.6 Dwar it-tabella għal Triq Bisazza il-Kunsillier P. Radmilli qal li jixtieq jara il-kliem qabel ma titpoġġa. *Triq Bisazza*

4.7 Il-Kunsill ġie infurmat li s-Sur Marcus Lauri ta' *Sliema Business Community* talab biex jitwaħħlu xi *banners* mal-Plaza. Is-SE għandu jiċċirkola d-dizinn ta' dawn il-*banners* lill-Kunsilliera qabel ma jiġu approvati.

4.8 Il-Kunsillier M. Briguglio ressaq proposta mil-librara biex ikun hemm *airconditioning unit* fil-librerija. Kien hemm qbil dwar dan. *Librerija*

4.9 Is-Sindku ressaq kommunikazzjoni minn residenti ta' Triq Alfonsu għaliex qed jilmentaw li hemm hsara fil-medda private taghhom tad-drenagg. Huma qed jallegaw li din sehhet minhabba karozzi jirkbu fuq il-bankina, u ghaliex, l-haddiema tal-Kunsill ta spiss mlew din il-hsara bit-tarmac u *compactor*. Il-Kunsill qabel li jibgħat lill-perit Bezzina u jiċċekkja x'tip ta' ħsara, jekk tali hsara setghetx tigi kawzata mill-haddiema tal-Kunsill, u jekk wara kollox din il-hsara taqax taħt ir-responsabbilta tal-Kunsill. *Triq Alfonsu*

## 5. PERFORMANCE BONUS LILL-IMPJEGATI

5.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni *l-performance bonus* tal-impjegati u rrakomanda li jingħata l-massimu, skond l-appraisal reports preparati mis-Segretarju Ezekuttiv. Filwaqt li kien hemm qbil li jingħata l-massimu, l-Kunsilliera talbu li għas-sena li jmiss ikunu avzati minn qabel u jingħatalhom rendikont tal-*performance appraisal*. Il-Kunsill fakkar ukoll li *n-name tags* iridu jintlibbsu.

*Il-Kunsillier M. Briguglio ġie skuzat li jitlaq mis-seduta fid-21.27*

## 6. RAPPORT MIS-SINDKU DWAR ID-DELEGAZZJONI TA' BIALYSTOK

6.1 Is-Sindku informa dwar il-laqgħat li kellhom waqt id-delegazzjoni fosthom l-Mcast, Feltom, Sports Malta. Is-Sindku qal li l-Kunsill irid jara li l-ideat li ġew diskussi waqt dawn iz-zjarat jiġu segwiti. Is-Sindku saqsa jekk il-Kunsill għandux jipproċedi b'ġemelaġġ. Il-Kunsill għad irid jara dwar dan.

6.2 Il-Kunsillier P. Radmilli qal li f'waħda mid-diskussjonijiet talbu li jnizzlu l-orkestra għal Sliema Arts Festival.

## 7. SUĠĠERIMENTI MILL-KUNSILLIERA

7.1 Il-Kunsillier J. Pillow issuġġerixxa li meta jintalab permess għal Triq Bisazza minn resident biex tittella għamara ma tintalabx garanzija mill-Kunsill. Kien hemm qbil dwar dan sakemm resident stess ma jkunx irid jagħmel xogħol ta' kostruzzjoni. *Triq Bisazza - garanzija*

7.2 Kien hemm qbil li r-ritratti tal-attivita Tas-Sliema Wirt u Niesha jittellgħu fuq *facebook*. *Tas-Sliema Wirt u Niesha*

7.3 Dwar is-survey tal-MISCO dwar l-RPZ kien hemm qbil li *Survey RPZ*

1. Jsir mar-residenti Slimizi biss.
2. Nagħtu lill-MISCO il-*brief* tal-*policy* kif kienet ġiet proposta mill-Kunsill.
3. Nipprovaw nelliminaw il-barranin permezz ta' mistoqsija
4. Jiġu involuti *middle ages, drivers, non drivers*, zgħazagħ u Anzjani

Il-Kunsill jieħu pozizzjoni skont ir-rizultat wara li jkun sar studju professjonali.

7.4 Il-Kunsillier P. Radmilli tkellem dwar il-proposta għall-emmenda fir-*road allignment* ta' quddiem il-Preluna u saqsa kemm se jintilfu jew jiġu gwadanjati parkeġġi fi Triq it-Torri. Fejn l-Europa Hotel il-parkeggi ser jizdiedu minn għaxra għal ħamsa u tletin u f'Għar id-Dud minn għoxrin, ser jizdiedu għal ħamsa u erbgħin. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li l-Kunsill għandu jistenna risposta min TM u jekk jibqgħu bla deċizjoni inressqu dawn il-proposti għall-livell ta' Ministru. *Emmenda – fejn il-Preluna*

7.5 Il-Kunsilliera V. Galea Pace qalet li kellha xi ilmenti minn residenta fi Triq Santa Marija minħabba li tpoġġa *bin* quddiema. Il-Kunsill kien ħa deċizjoni li l-*bins* jitpoġġew fejn ikun qabel il-Kunsill waqt seduta u ma jitressqux. Importanti li l-*bin* jinzamm nadif. *Bin*

7.6 Il-Kunsillier J. Pillow irrimarka dwar il-parkeġġ li kien inqaleb fi Triq Manwel Dimech sakemm sar xogħol ta' kostruzzjoni u li s'issa ma reġax ġie kif kien qabel. Kien hemm qbil li meta jkun se jsir *shifting* ta' *parking* issir bi qbil ta' madwar tlett xhur li jkun irid jerġa *Tibdil ta' parkeġġ*

jinqaleb kif jitlesta x-xogħol.

7.7 Il-Kunsillier J. Pillow qal li hemm bzonn li l-Kunsill jitlob il-Lands għal devoluzzjoni għad-Distillatur f'Tigne. Is-SE spjega li biex issir din it-talba l-ewwel ikun irid isir pjan kif se jkunu risorsi ecc li jrid jiġi propost f'Business Plan.

## 8. AGGORNAMENT

8.1 Is-seduta intemmet fl-22.10pm. Seduta oħra ġiet aġġornata nhar l-Erbgħa 24 ta' Frar 2016 fis-6pm

Minuti approvati llum 24/02/2016

**Anthony Chircop**
**Sindku**

**Matthew Dimech**
**Segretarju Eżekuttiv**